MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-6 ta' Ottubru, 2010

Appell Civili Numru. 4/2010

**Joseph Tanti**

**vs**

**Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**

**Il-Qorti,**

Fis-27 ta’ April, 2010, il-Bord ta’ l-Appelli Dwar it-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **“**Fis-27 ta' Marzu 2009, il-Qorti tal-Appell harget sentenza (Numru 13/08) fejn gie deciz li l-Appell lill-Qorti maghmul minn Joseph Tanti kontra s-sentenza tal-Bord tad-9 ta' Ottubru, 2008 jigi rigettat u ghalhekk il-Bord issa huwa f’posizzjoni li jkompli jisma' l-Appell Numru 38/05 datat 3 ta' Mejju, 2005 fir-rigward tal-mertu. Dan l-Appell kien gie sottomess mill-appellant Joseph Tanti,

bejjiegh ta' gelati minn kiosks u minn vannijiet kontra stejjem mahruga mid-Dipartiment tal-VAT fuq il-perjodu 01.01.1999-31.12.2002 ghall-ammont ta' Lm 15,349 (€ 35,754) minghajr penali amministrattiva u mghax.

Barra t-tliet seduti li saru bejn it-8 ta' April 2008 u l-1 ta' Lulju 2008 saru tliet seduti ohra, qabel il-Bord seta' jasal ghall-konkluzjonijiet finali tieghu.

Ghall-ewwel seduta, fil-21 ta' Lulju 2009 deher is-Sur Joseph Sammut, Awditur, ghan-nom tal-appellant. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.

Is-Sur Joseph Sammut f'isem l-appellant beda biex ipprezenta certifikat mediku fir-rigward tat-taxpayer, is-Sur Joseph Tanti, u talab lill-Bord li jissospendi s-smiegh tal-Appell "sine die" peress li huwa ma jistax jikkomunika mas-Sur Tanti fuq il-kaz minhabba ragunijiet ta' sahha tat-"taxpayer".

Min-naha tieghu, id-Dipartiment issottometta kopji tal-korrispodenza li huwa kien baghat lis-Sur Tanti sabiex, konformi mas-sentenza tal-Bord issa jsir ir-"review" tal-istejjem mat-taxpayer liema "review" ma kienx sar qabel kif suppost. Id-Dipartiment kompla jghid li minkejja din il-korrispondenza la l-appellant innifsu u lanqas l-agent tieghu ma kkuntattjaw lid-Dipartiment.

Wara deliberazzjoni mehtiega, il-Bord iddecieda li jaggorna s-seduta ghas-6 ta' Ottubru 2009 u avza lill-appellant li sat-22 ta' Settembru 2009 huwa ghandu jinforma lill-Bord bil-kundizzjoni ta' sahha tas-Sur Tanti. Fl-istess waqt il-Bord kiteb lis-Sur Tanti sabiex jinfurmah ufficjalment b'din id-decizjoni.

Is-seduta aggornata ma saritx fil-jum deciz izda saret fl-24 ta' Novembru 2009 fejn deher is-Sur Joseph Sammut, Awditur, ghan-nom tal-appellant.

Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.

Il-Bord gibed l-attenzjoni tas-Sur Sammut li minkejja li l-Bord permezz ta' ittra datata 28 ta' Ottubru 2009 kien talab lis-Sur Tanti sabiex ikun prezenti ghal din is-seduta jew, fin-nuqqas tieghu minhabba sahhtu, is-Sinjura Tanti hadd ma kien prezenti.

L-agent tal-appellant wiegeb li l-prezenza tat-taxpayer jew ta' martu ma kienux ser jaghmlu differenza ghas-smiegh tal-kaz ghaliex huwa biss kien intiz fuqu. Huwa kompla billi talab kopja tar-rapporti li saru, minkejja l-fatt li dawn kienu diga gew mibghuta lis-Sur Tanti fis-27 ta' Novembru 2007.

Id-Dipartiment qal li skond ir-rapport estensiv tat-Tax Compliance Unit (TCU) tad-19 ta' Mejju 2004, meta wiehed iqis li l-appellant kien imexxi 4 kjosks, ir-records tal-bejgh kienu limitati hafna u li Z readings tal-bejgh ma kienux jittiehdu kif suppost. Id-Dipartiment kompla jghid li nstabet diskrepanza bejn il-bejgh dikjarat fid-denunzji tal-VAT u dak dikjarat fid-denunzji tat-taxxa interna u li skond l-"audit trail" kien hemm xi xiri li ma kienx iddikjarat. Huwa irrefera ghas-sezzjonijiet pertinenti tar-rapport tat-TCU li huwa l-bazi tal-istejjem li hargu kontra l-appellant.

F'dan l-istadju l-Bord talab lill-appellant sabiex sas-7 ta' Jannar 2010 huwa jibghat sottomissjoni dettaljata bl-argumenti kollha li huwa kellu biex jirribatti r-rapport tat-TCU u aggorna s-seduta ghat-28 ta' Jannar 2010.

Din is-seduta infatti saret fit-2 ta' Frar 2010 fejn dehret is-Sinjura Victoria Tanti, mart l-appellant, assistita mis-Sur Joseph Sammut, Awditur. Ghad-Dipartiment tal-VAT deher is-Sur Anthony Cutajar, Principal.

Il-Bord beda biex spjega lis-Sinjura Tanti rigward l-insistenza tal-Bord li tattendi. Huwa qal illi l-Bord hassu fid-dmir li jinforma lis-Sur Tanti jew xi hadd mill-familja dwar x'inhu ghaddej fir-rigward ta' dan l-Appell, minhabba li dan is-smiegh ilu li beda sentejn. Huwa fakkar lis-Sinjura Tanti illi l-interessi ghadhom telghin.

Is-Sinjura Tanti qalet illi hija u zewgha ghandhom fiducja fis-Sur Sammut u qed ihallu f'idejh ghaliex zewgha mhux f'posizzjoni li jinkwieta minhabba l-istat ta' sahhtu.

Is-Sur Sammut qal illi minhabba li dan l-ahhar inqalghu zviluppi nteressanti legalment permezz tad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell datata 11.12.2009 (Tefagh Ltd. vs Kummissarju tal-VAT) huwa qed jitlob xi zmien lill-Bord biex jaghmel sottomissjoni bil-miktub f'dan ir-rigward. Huwa qal ukoll illi l-mertu tal-kaz jittratta fuq "deemed sales exercise" u li huwa lest li jaghmel sottomissjoni anke fir-rigward tal-mertu.

Il-Bord accetta t-talba tal-appellant u ta zmien qasir sabiex issir din is-sottomissjoni. Dina waslet fil-11 ta' Frar 2010 u d-Dipartiment wiegeb fil-15 ta' Marzu 2010.

(A) <u>L-appellant fil-kwistjoni tan-nullita' issottometta hekk</u> :-

1. Li in vista tas-sentenza recenti tal-Qorti, Tefagh Ltd. vs Kummissarju tal-VAT, l-istejjem kienu nulli ghar-raguni li l-istejjem finali hargu wara t-terminu tas-6 xhur preskritti fil-Ligi mill-hrug tal-ewwel sett ta' stejjem provizorji.

2. Li d-Dipartiment kien hareg l-ewwel sett ta' stejjem provizorji fit-23.07.04 u hareg it-tieni sett fis-26.10.04 bil-kumment li l-ewwel sett kien "superseded" bit-tieni wiehed.

3. Li l-ewwel sett ta' stejjem ma kienx "ikkancellat" imma "issuperat" u t-tieni sett ta' stejjem ma kienx gdid izda identiku fl-ammont ghall-ewwel sett u ghalhekk kellu jkollu l-istess data jigifieri, 23.07.04.

4. Li l-perjodu ta' 6 xhur iffissat mil-Legislatur kien tassattiv u li d-Dipartiment f'dan il-perjodu seta' biss jew jirtira l-istima provizorja jew jaghmilha wahda definittiva.

(B) <u>L-appellant fir-riqward tal-mertu issottometta hekk:-</u>

1. Li l-ezercizzju tat-TCU kien ikkoncentrat fuq jum wiehed (11.09.03) li huwa kkunsidrat bhala wiehed "peak day" u ghalhekk mhux rapprezentattiv tal-perjodu kollu investigat.

2. Li kien hemm element ta' konfuzjoni fir-rapport tat-TCU fir-rigward tal-bazi tas-"surveillance exercise".

3. Li hemm lakunji serji fl-ezercizzju ta' "purchase mark-up".

(C) <u>Id-Dipartiment fir-rigward tan-nullita' issottometta hekk :-</u>

1. Li l-kelma "superseded" hija sinonima mal-kelma "kkancellata" u ghalhekk id-Dipartiment kellu d-dritt li johrog stejjem provizorji godda.

2. Li l-appellant qatt ma qajjem din l-eccezzjoni fi stadju ta' "review".

3. Li l-kaz iccitat mill-appellant (Tefagh Ltd. vs Kummissarju tal-VAT) kien japplika ghal cirkostanzi partikolari u li ma jistax jigi applikat ghal kull kwistjoni ta' thassir ta' stejjem provizorji.

4. Li l-Ligi ma tostakolax lid-Dipartiment milli jikkancella stima provizorja u johrog ohra gdida minflokha u li d-Dipartiment kien ghamel dan sabiex jimxi ma' decizjoni precedenti tal-Qorti tal-Appell u sabiex jikkumbatti evazjoni ta' taxxa li nstabet fil-kaz prezenti.

(D) <u>Id-Dipartiment fir-rigward tal-mertu ssottometta hekk :-</u>

1. Li l-appellant kellu numru ta' nuqqasijiet kemm fl-operat (bejgh minghajr ricevuti fiskali) u fir-records (statement tal-bank u 'Z' readings mhux provduti). Ghalhekk it-TCU ma kellux triq ohra hlief li jaghmel il-kalkoli tieghu kif titlob il-Ligi. Dawn, kif jidhru mir-rapport estensiv, kienu bbazati fuq granet ordinarji f'Settembru u mhux fuq "peak days".

2. Li l-istejjem ma hargux a bazi tas-"surveillance" imma fuq fatti ohra e.g. l-appellant kien qed jaghmel stima ta' bejgh biex jasal ghall-figuri iddikjarati.

3. Li l-ezercizzju tax-xiri sar biex it-TCU jaslu ghal kalkolu gust ta' bejgh u dan sar billi figura tax-xiri realistiku giet mizjuda b'"weighted profit margin". Fil-fatt instab li l-appellant kien qed jiddikjara xiri aktar baxx minn dak reali.

L-appellant ipprezenta sottomissjoni ohra fit-23 ta' Marzu 2010 izda din ma ziedet xejn sostanzjali ma' dak li nghad tul is-seduti.

Il-Bord wara li qara u sema' dak kollu li kien inkiteb u ntqal miz-zewg partijiet wasal ghal dawn il-konkluzjonijiet.

1. Li l-appellant naqas milli japprofitta ruhu mis-sentenza tal-Bord tad-9 ta' Ottubru 2008 fejn huwa gie moghti l-opportunita' li jaghmel "face to face review" tal-mertu tal-kaz mad-Dipartiment. L-

appellant injora minghajr raguni dan l-ezercizzju ferm utili, rikonoxxut mil-Ligi, u ghazel li jirribatti l-konkluzjonijiet tad-Dipartiment, ibbazati fuq ir-rapport tat-Tax Compliance Unit, b'serje ta' sottomissjonijiet bil-miktub li ma kellhom l-ebda figuri konkreti li jikkontestaw serjament il-konkluzjonijiet milhuqa mit-Tax Compliance Unit (tramite d-Dipartiment) kif titlob il-Ligi (Att 1998, Skeda 9, Art. 46, 4(2)).

2. Li l-"case law" gdida ccitata mill-appellant fl-ahhar seduti tal-Appell, jigifieri s-sentenza tal-Qorti fuq Tefagh Ltd. vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, ma tnaqqas xejn mid-dritt tad-Dipartiment li johrog stejjem provizorji godda basta fil-perjodu preskritt.

3. Li l-appellant qed jikkontesta dan id-dritt billi jaghmel distinzjoni bejn l-kelma "ikkancellati" u l-kelma "superseded".

Fl-opinjoni tal-Bord dan huwa argument frivolu ghaliex iz-zewg kelmiet ifissru l-istess u allura wiehed jista' jiddeskrivi l-azzjoni tad-Dipartiment bhala kancellament tal-istejjem tat-23.07.04 u l-hrug tal-istejjem l-ohra fis-26.10.04. Il-fatt li l-istejjem kellhom l-istess ammont ma jirrendi bl-ebda mod it-tieni sett invalidu.

Fic-cirkostanzi, l-Appell huwa respint kemm fuq validita' u kemm fuq il-mertu tal-kaz.”

Ir-rikorrenti *taxpayer* appella minn din is-sentenza biex jobbjeta kontra dik il-parti taghha fejn il-Bord iddetermina li l-Kummissarju seta’ johrog stejjem godda basta fil-perijodu preskritt biex jissostitwixxi dawk l-ohra, ukoll provvizorji, mahruga qabel f’data anterjuri. Ta’ min jirrileva illi l-punt hawn devolut b’dan l-appell kien tqajjem *incidenter* quddiem il-Bord mill-appellanti fil-kors tat-trattazzjoni, saru trattazzjonijiet dwaru mill-partijiet u l-Bord iddecieda dwaru;

Ghal dak li hu rilevanti tajjeb li jigi registrat illi fit-23 ta' Lulju, 2004 il-Kummissarju hareg sett ta' stejjem provvizorji li, marte proprju, issostitwihom b'sett gdid datat 26 ta' Ottubru, 2004 bl-istess ammont identiku ta' taxxa ghal dawk ta' qabilhom. Fin-Nota ta' sottomissjonijiet tieghu quddiem il-Bord il-Kummissarju spjega illi huwa ghamel dan biex juniforma ruhu mad-decizjoni Numru 18 tal-Qorti ta' l-Appell moghtija fit-13 ta' Lulju, 2001 – ghal precizazzjoni dik fl-ismijiet "**Rita Zahra -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**" – li kienet irriteniet illi hu ma kellux il-fakolta mill-Att li jitfa l-istimi ghal numru ta' perijodi ta' taxxa fl-ahhar perijodu ta' taxxa ta' sena;

Premess dan, issa r-raguni li l-appellanti qieghed tant jinsisti dwarha hija dik li dwar il-punt kontrovertit wiehed irid fondamentalment ihares lejn x'gie deciz fid-diversi pronunzjamenti in materja fejn giet sollevata l-kontroversja;

Huwa utli ferm illi din il-Qorti taghmel rassenja ta' dawn il-precedenti, sija jekk dawn kienu jitrattaw mill-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 29 ta' l-Att Numru XI ta' l-1994, sija jekk mit-tifsira provvduta ghall-Artikolu 32 ta' l-Att Numru XXIII ta' l-1998 relattivament ghat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud:-

1. "**Tiffany's (Joseph Farrell) -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 5 ta' Ottubru, 2001. F'dan il-kaz l-istejjem finali mahruga mill-Kummissarju tqisu irregolari ghax ma kienux iffirmati u konsegwentement gew annullati. Il-Bord issokta jirraguna illi z-zewg partijiet, attiz in-nullita` ta' l-istimi, ma ghandhomx jitpoggew fl-istess sitwazzjoni li kienu qabel ma nhargu l-istejjem. Ma' dan il-Qorti ta' l-Appell ma qabletx in kwantu n-nullita ma kienet tipproduci l-ebda effett u allura l-partijiet jergghu jitqieghdu fis-sitwazzjoni kif kien qabel ma sehh l-att li kkawza n-nullita`. Ziedet pero` taggungi illi "dan ma kienx necessarjament ifisser illi l-Kummissarju seta' johrog stimi godda, regolari fil-forma, bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 29 ta' l-Att Numru XI ta' l-

1994. Dan seta' jaghmlu biss jekk ic-cirkostanzi kienu tali li kienu jippermettulu llum li hekk jaghmel, waqt li jigi ghal kollox injorat il-fatt li kien irrilaxxja stimi nulli";

2. "**Queen's Pastizzerija Ltd -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 6 ta' Ottubru, 2004. F'din il-kawza l-Kummissarju kkancella l-istejjem finali minnu emessi fil-kors tal-procediment quddiem il-Bord u ghalhekk dan iddecieda li l-appell interpost mis-socjeta` kien jaqa' awtomatikament. F'sens konsimili din il-Qorti ppronunzjat ruhha fil-kaz "**D & S Import/Export Ltd -vs- Il-Kummisarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", 13 ta' Frar, 2009 u fejn ukoll fil-waqt tal-procediment quddiem il-Bord, il-Kummissarju kkancella l-istimi finali tieghu. Hawn ukoll il-Qorti statwiet illi l-kancellazzjoni gabet l-improcedibilita ta' l-appell. Fl-istess waqt, imbaghad, li rrikonoxxiet li l-Kummissarju seta' jissostitwixxi l-istejjem ikkancellati b'ohrajn godda, il-Qorti tenniet ukoll illi "l-unika limitazzjoni li ghandu (il-Kummissarju) f'dan l-ezercizzju hu l-fattur zmien li jippreciza l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 406 u r-riapertura tal-kwestjoni tal-kaz li dwarha jkun hemm diga` decizjoni ta' appell (Artikolu 35 ta' l-istess Kapitolu)". Gia qabel din, il-Qorti kienet osservat illi l-kancellazzjoni fil-kors tal-proceduri gabet b'effett ic-cessazzjoni tal-materja kkontestata u l-estinzjoni tal-process, b'dan li kompliet tirritjeni illi, allura, il-Bord ma setax fil-kaz partikolari processwalment jiddibatti fis-sustanza, u jiddeciedi wkoll, jekk il-Kummissarju setax guridikament jirriproponi stejjem ohra sostitutivi ghal dawk ikkancellati. Ara "**Joseph Gauci -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", 28 ta' Novembru, 2008;

3. "**Charles Vella ghan-nom ta' Tefagh Ltd -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**", Appell, 11 ta' Dicembru, 2009. Fil-qosor, il-punt hemm kontrovertit kien dak jekk il-Kummissarju setax johrog stejjem godda in vista tad-decizjoni antecedenti tal-Bord tal-11 ta' Ottubru, 2005 li stabbilit illi l-istejjem finali ta' qabel kienu nulli ghax mahruga wara l-perijodu ta' sitt (6) xhur mill-hrug ta' l-istejjem provvizorji. Il-Qorti rriportat ruhha ghal dak ritenut fis-sentenzi precedenti taghha, gja

accennati, ghaddiet biex tinterpreta l-Artikolu 32 tal-Kapitolu 406, u ddeterminat illi, gjaladarba n-nullita` profferita kienet tolqot biss l-istejjem finali, il-Kummissarju ma setax jirriproponi stejjem provvizorji godda. Dan wara li osservat illi “n-nullita` tolqot l-att li jkun sar u l-atti ohra successivi ghalih izda mhux ukoll li dik l-istess nullita` tigi trasmessa ghal dawk l-atti l-ohra anterjuri ghax dawn ghandhom jibqghu jikkonservaw l-identita` formali u specifika taghha, u, ukoll, l-effetti guridici awtonomi li jinzlu minnhom”. Gie, ghaldaqstant, mill-Qorti konkluz illi l-istejjem provvizorji f’dak il-kaz kellhom jibqghu jissussistu, salv il-verifika ta’ kull dekadenza li l-persuna registrata setghet topponi ghall-istejjem *ex novo* emessi;

4. “**Ballut Blocks (Services) Limited -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**”, Appell, 26 ta’ Marzu, 2010. F’dan il-kaz l-ewwel sett ta’ stimi provvizorji nhargu fit-22 ta’ Frar, 2006. Dawn gew konsegwiti bit-tieni sett ta’ stejjem provvizorji fit-12 ta’ Settembru, 2006. Il-Bord ippronunzja ruhu fis-sens illi ma kienx jaqbel mat-teorija tal-Kummissarju illi l-Artikolu 32 kien jippermettilu johrog stejjem provizorji aktar minn darba. Din il-Qorti, kif presjeduta, qablet mieghu u ziedet tirrimarka illi l-hrug ta’ stejjem provvizorji, debitament notifikati, kien ifisser illi l-Kummissarju ghandu jikkonsegwi bil-hrug ta’ l-istejjem finali entro t-terminu utli prefiss fl-Artikolu 32 (3). Il-Qorti argomentat illi ma kienx jidher razzjonali illi l-ligi tikkoncedi lill-Kummissarju d-dritt li johrog stejjem provvizorji in perpetwu, kif hekk hu jidhirlu opportun u spedjenti ghall-interessi tieghu, ghall-fini li jarresta t-trapass taz-zmien mid-data ta’ l-ewwel emissjoni taghhom. Zied jigi osservat illi “qaghda bhal din, jekk accettata, tirrendi nullifikanti c-certezza tad-dritt, u dan la hu permissibbli u wisq anqas lecitu mill-perspettiva tat-*taxpayer* u tat-tutela tieghu skond il-ligi”;

Iffissati dawn l-aspetti kollha dixxendenti mill-kazistika fuq riportata, jirrizulta bhala fatt f’dan il-kaz illi l-istejjem finali nhargu mill-Kummissarju fil-11 ta’ April, 2005. Mill-ottika ta’ l-Artikolu 32 (3), it-terminu ta’ sitt xhur mid-data ta’ l-ahhar sett ta’ stejjem provvizorji (26 ta’ Ottubru, 2004) ma kienx ghadu ddekorra mentri kien hekk perenti mid-data

ta' l-ewwel sett ta' stejjem provvizorji (23 ta' Lulju, 2004). Issa, kif diga nghad fl-esposizzjoni qasira aktar 'il fuq riportata, l-appellat jigbed argoment favur il-pretiza tieghu ghall-hrug tat-tieni sett ta' stejjem provvizorji in sostituzzjoni ta' dawk originarji fuq l-istregwa tad-decizjoni minnu citata. Bir-rispett dovut din il-Qorti mhix tant impressjonata minn dik ir-raguni sottoposta tant ghaliex dik id-decizjoni kienet diga sew maghrufa mill-Kummissarju una volta li giet pronunzjata tliet snin qabel (13 ta' Lulju 2001), tant ghaliex ukoll, ankorke hass il-htiega li jikkonforma ruhu ma' dik l-istess decizjoni, ma kien hemm xejn x'izommu milli jghaddi ghall-istejjem finali fil-perkors ta' zmien li kien beda fit-23 ta' Lulju, 2004, gjaladarba wkoll l-ammont ta' taxxa eskogitat bl-istejjem finali baqa' invarjat minn dak muri fl-istejjem provvizorji originarji;

Biex jigi adottat ghal kaz il-kliem ta' din il-Qorti fis-sentenza taghha "**Charles Vella *nomine* -vs- Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud**" riferita *supra*, "kieku kellu ghall-grazzja ta' l-argoment jigi ragunat xort'ohra, dik l-interpretazzjoni tinzel comb fuq ras il-persuna registrata li jkollha, *nolens volens*, tissubixxi l-qaghda abbissimali u perenni li ma jkollha qatt, jghaddi kemm jghaddi zmien, ic-certezza tal-posizzjoni fiskali taghha fir-rigward tal-perijodi specifici ta' taxxa. Ma jidherx li qaghda bhal din tista' qatt taskrivi ruhha ghal dik tal-volonta tal-legislatur li ddetta l-ligi". Dan il-kliem qed jerga' jigi mtenni ghaliex manifestament ma jidherx illi l-Artikolu 32, subinciz (3) jakkorda, sew espressament, sew implicitament, id-dritt illi l-Kummissarju ma jirrispettax iz-zmien statutorju prefiss ta' sitt (6) xhur mill-hrug ta' l-istima provvizorja originarjament mahruga. Xort'ohra jinfetah bieb berah ghall-manipulazzjoni tal-ligi billi jigi aggirat iz-zmien utli li jkun miexi bil-perpetwita` tal-hrug ta' stejjem provvizorji, kienet x'kienet ir-raguni. Invece, ghal darba'ohra, il-Qorti thoss li ghandha tirribadixxi illi l-unika ipotesi razzjonali ppostulata mil-ligi hi dik li, proprjament, meta tinhareg stima provvizorja din ghandha tigi segwita bi stima finali fil-limitu ta' zmien prospettat fis-subinciz (3) u li turi l-*output tax* u l-*input vat* flimkien ma' penali

amministrattiva ghal liema l-persuna registrata tkun hekk soggetta;

In vista tal-premess din il-Qorti, b'koerenza mal-konsiderandi minnha zvolti fis-sentenzi precitati jkollha tiddissenti mill-konkluzjoni tal-Bord u tghaddi biex tilqa' l-gravam lilha sottomess bl-appell.

Ghal motivi kollha fuq senjalati din il-Qorti qeghda tilqa' l-appell billi takkolji l-gravam lilha sottopost u b'hekk tirrevoka u thassar is-sentenza appellata. Fic-cirkostanzi huwa xieraq li l-ispejjez tal-prezenti jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------